

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 971/2011

tad-29 ta' Settembru 2011

li jistabbilixxi l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor għas-sena tas-suq 2011/2012

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 143 tiegħu, b'rabta mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 li dwar regoli ddetaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor <sup>(2)</sup> [traduzzjoni mhux uffiċjali], jipprovdi li l-prezzijiet ta' importazzjoni CIF taz-zokkor abjad u taz-zokkor mhux ipproċessat jitqiesu bħala l-"prezzijiet rappreżentattivi". Dawn il-prezzijiet huma ffixati għall-kwalità standard iddefinita fl-Anness IV, il-punti II u III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
- (2) Biex dawn il-prezzijiet rappreżentattivi jiġu stabbiliti, għandha titqies l-informazzjoni kollha pprovduta fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, ħlief fil-każi previsti fl-Artikolu 24 tar-Regolament imsemmi.
- (3) Biex ikunu aġġustati l-prezzijiet li mhumix ibbażati fuq il-kwalità standard, għaz-zokkor abjad, jeħtieġ li jiġu applikati għall-offerti aċċettati ż-żidiet jew it-tnaqqis

imsemmija fl-Artikolu 26(1)(a) tar-Regolament Nru 951/2006. F'dak li jirrigwarda z-zokkor mhux ipproċessat, jeħtieġ li jiġi applikat il-metodu tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni ddefinit fil-punt b) tal-istess paragrafu.

- (4) Fejn ikun hemm differenza bejn il-prezz inizjali għall-prodott ikkonċernat u l-prezz rappreżentattiv, jeħtieġ li jiġu stabbiliti dazji addizzjonali għall-importazzjoni, dejjem jekk ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006.
- (5) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali għall-importazzjoni tal-prodotti kkonċernati, skont l-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006.
- (6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006 huma stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2011.

Għall-Kummissjoni,  
fisem il-President,

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.

## ANNEX

**Prezzijiet rappreżentattivi u dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 99, applikabbli mill-1 ta' Ottubru 2011**

(EUR)

Kodiċi NM	Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat	Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat
1701 11 10 <sup>(1)</sup>	44,74	0,00
1701 11 90 <sup>(1)</sup>	44,74	1,48
1701 12 10 <sup>(1)</sup>	44,74	0,00
1701 12 90 <sup>(1)</sup>	44,74	1,19
1701 91 00 <sup>(2)</sup>	47,22	3,30
1701 99 10 <sup>(2)</sup>	47,22	0,17
1701 99 90 <sup>(2)</sup>	47,22	0,17
1702 90 95 <sup>(3)</sup>	0,47	0,23

<sup>(1)</sup> Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

<sup>(2)</sup> Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

<sup>(3)</sup> Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.